**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 20**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-ĦAMES KLASSI** | **MALTI** | **ĦIN: SAGĦTEJN**

Isem: ______________________ Klassi: _________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-KANDIDAT/A:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Oral | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 9 | 20 | 7 | 4 | 30 | 20 | 10 | |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta, u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

**IL-BIES**

Il-bies mhux l-akbar fost l-għasafar; lanqas m'hu l-aktar b'saħħtu. Iżda minħabba l-imġiba tiegħu, it-titjira ħafifa u l-mod kif jaqbad il-priża fl-ajru, huwa meqjus bħala s-Sultan tal-għasafar. *(par. 1)*

Il-bies huwa tajra tal-priża għamla ta' seqer. Huwa griż kaħlani minn fuq u abjad bi strixxi rqaq mimdudin suwed minn taħt. Il-mara, li hija madwar 48 ċentimetru, tkun ftit akbar mir-raġel, għalkemm fil-kulur tkun l-istess. *(par. 2)*

Il-priża tal-bies tikkonsisti f'għasafar, aktarx ta' daqs ta' gamiema jew borka. Il-bies jinżel bi ġwienaħ magħluqa u b'ħeffa kbira għal fuq il-priża li jaqbad f'difrejh jew joqtol b'daqqa b'sidru. L-istaġun tal-bejta jaħbat mal-passa tar-rebbiegħa biex b'hekk ikollu ikel biżżejjed għall-frieħ. *(par. 3)*

Il-bies huwa wieħed mill-għasafar li kienu jbejtu fil-ġżejjer Maltin. Ġralu bħaċ-Ċawla. Qridnieh minn pajjiżna. L-aħħar par li kien magħruf li kien ibejjet fl-irdumijiet f'Ta' Ċenċ, Għawdex, qatluh minn fuq il-baħar minkejja l-fatt li, bħal kull tajra oħra tal-priża, huwa mħares bil-liġi. B'hekk Malta tfaqqret minn parti oħra tal-wirt naturali tagħha. *(par. 4)*

Hija tassew ħasra kbira meta wieħed jiftakar fir-rabta li dan l-għasfur għandu mal-istorja ta' Malta. *(par. 5)*

L-Imperatur Federiku II kien għażlu bħala simbolu tiegħu għax kien iridha ta' Sultan tas-Slaten. Fl-1240 Federiku II kien bagħat f'Malta għadd ta' falkunieri biex jagħtuh tagħrif dwar il-bisien li kellu fil-ġżira, kif kienu qed jinżammu, kif ukoll dwar l-għadd ta' bisien slavaġ li nqabdu f'dik is-sena. Fl-1530, l-Imperatur ta' Spanja, Karlu V, ta l-gżejjer Maltin lill-Kavallieri ta' San Ġwann għall-kera nominali ta' bies fis-sena. *(par. 6)*

Ir-rabta tal-bies ma' pajjiżna tidher ukoll fl-ismijiet ta' ċerti postijiet, fosthom Irdum il-Bies, Għadiriet il-Bies u Għar il-Bies. Iżda żgur li ħadd ma jixtieq li l-bies jibqa' jidher biss f'Malta f'dawn l-ismijiet. *(par. 7)*

(kitba ta' Joe Sultana, li dehret fil-ħarġa ta' Frar 1992 tas-*Sagħtar* fit-Taqsima *Sagħtarin*)

## A. FEHIM IT-TEST (9 marki)

1. Għaliex il-bies huwa magħruf bħala s-Sultan tal-għasafar?

_______________________________________________ (marka)

2. Xi tfisser tajra tal-priża?

_______________________________________________ (marka)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Kif jaqbad il-priża tiegħu l-Bies?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

4. Għaliex, f'paragrafu 4, l-awtur jgħid li *Malta tfaqqret minn parti oħra tal-wirt naturali tagħha*?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

5. Għid, fil-qosor, x'rabta għandu l-Bies mal-istorja ta' Malta.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

6. Agħti l-fehma tiegħek fuq din is-silta.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (20 marka)

### GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Sib u ikteb: ( 10 marki)

a. aġġettiv fil-grad superlattiv *(par. 1)* ________________________

b. partiċipju passiv *(par. 1)*: ________________________

ċ. verb ta' nisel mhux-Semitiku *(par. 3)*: ________________________

d. avverbju tal-kwantità *(par. 3)*: ________________________

e. nom fl-għadd imtenni *(par. 3)*: ________________________

f. verb fil-5 forma u ieħor fit-8 forma *(par. 4 u 5)*: ________________________

ġ. verb irregolari *(par. 4)*: ________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

g. nom semitiku fil-plural sħiħ *(par. 6)*: ______________________

għ. nom verbali fis-singular *(par. 7)*: ______________________

h. stat kostrutt *(par. 7)*: ______________________

2. Wieġeb kif mitlub/a: (4 marki)

| | |
|---|---|
| a. il-plural ta' *wieħed (par. 4)* | a. |
| b. l-għerq ta' *ta (par. 6)* | b. |
| ċ. Il-verb li minnu tnissel in-nom verbali *tagħrif (par. 6)* | ċ. |
| d. mill-għerq ta' bagħat *(par. 6)*, ikteb il-verb fit-Temp Imperfett, fl-ewwel persuna, għadd plural | d. |

**LESSIKU / VOKABULARJU**

3. Ikteb sinonimi (kelma/kliem bl-istess tifsira) għall-kliem li ġej, dejjem skont is-sens tas-silta fejn jinsabu. (2 marki)

| | |
|---|---|
| a. *imġiba (par. 1)* | a. |
| b. *tikkonsisti (par. 3)* | b. |
| ċ. *rabta (par. 5)* | ċ. |
| d. *għadd (par. 6)* | d. |

**ANALIŻI TESTWALI**

4. a. Għaliex *qridn**__ie__**h* tinkiteb bil-***ie*** u mhux bil-*i*? *(par. 4)*?

______________________ (marka)

b. Analizza l-kelma *qatluh (par. 4)*. Trid tgħid x'tip ta' verb hu, u x'hemm mehmuż miegħu.

______________________

______________________ (marka)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ċ. Għalxiex qed tirreferi l-istess kelma *qatluh* fir-raba' paragrafu?

__________________________________________________ (ma

**SINTASSI**

5. Ikteb it-tieni sentenza fl-ewwel paragrafu f'żewġ sentenzi li jagħmlu sens.

__________________________________________________

__________________________________________________ (marka)

## Ċ. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (7 marki)

Agħżel **waħda** minn a, b u ċ u ikteb bejn 80 u 100 kelma fuq karta separata.

a. Agħti taqsira, fi kliemek, tas-silta *"Il-Bies"*.

b. Is-sajf li għadda inti attendejt għal Festival tal-inbid li sar fi ġnien pubbliku lokali. Ikteb rapport fuq dak l-avveniment.

ċ. Il-ħabib/a tiegħek għadu/ha kemm temm/et relazzjoni ta' mħabba ma' ħabib/a tiegħek. Iktiblu/Iktbilha ittra, li fiha turi s-simpatija tiegħek lejh/a għal kif ġraw l-affarijiet.

## D. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

a. Fis-silta *Il-Bies* hemm imsemmija wkoll iċ-Ċawla. Għandna żewġ idjomi li fihom tissemma l-kelma *ċawla*. Dawn huma *Ċawla bajda* u *Qisek ċawla*. Fissirhom.

Ċawla bajda: __________________________________________________(marka)

Qisek ċawla: __________________________________________________

__________________________________________________ (marka)

b. Fis-silta *Il-Bies* rajna wkoll li l-bies huwa tip ta' tajra. Xi jfisser il-qawl *L-ajru ikbar mit-tajra*?

__________________________________________________

__________________________________________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## E. LETTERATURA: *QAWSALLA* (30

**a. Aqra sew din is-silta, meħuda mid-dramm poetiku *Rewwixta* ta' Oliver Friggieri, li tinsab fit-Taqsima *Ġrajja u Identità,* imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt.**

Ir-romol ma jinsewx, lanqas l-iltiema,
ilkoll nibku 'l-qrabat li rajna jaqgħu
jitqabdu taħt għajnejna, ilkoll niftakru
fil-qraba li serqulna minn ġo djarna
biex demmhom ixerrduh fi ġlied imbiegħed
lilhinn minn xtutna. Ma ħadniex aħbarhom,
u romol aħna, ltiema bla ma naħtu.
Ħtijietna biss li aħna poplu ċkejken,
u ċ-ċkejken l-ikel li l-kbir jieklu w jismen.
L-ulied jokorbu bla ma jistgħu jifhmu,
in-nisa jistennew qalbhom maqtugħa.
Ħadulna 'l min ħabbejna w imħabbitna
ma tista' tagħmel xejn w iġġibhom lura.
Misħuta l-ħakma li tidħlilna f'darna,
bil-liġi l-ħażen qatt m'hu se jsir tajjeb,
u l-ħqir taż-żgħir hu agħar minn kull ħqir ieħor.
Imkien il-faraġ il-maħkum ma jsibu
ħlief f'Alla, w Alla lill-ħakkiem jistmerru,
u l-għatx tal-ħakma qatt ma jtaffihulu.

1. Agħti l-ħsieb ta' din is-silta.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

2. Orbot din is-silta qasira mal-bqija tas-silta kollha li nsibu f' "*Qawsalla*".

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Fisser dan li ġej skont kif użat fis-silta:

| | |
|---|---|
| a. *ltiema bla ma naħtu* (v. 7) | a. |
| b. *u ċ-ċkejken l-ikel li l-kbir jieklu w jismen* (v. 9) | b. |
| ċ. *w'Alla lill-ħakkiem jistmerru* (v. 18) | ċ. |

(3 marki)

4. X'jissejħu l-versi ta' din is-silta?

________________________________________ (marka)

5. Sib eżempju ta' Duplikazzjoni mill-aħħar tliet versi u iktbu.

________________________________________ (marka)

6. F'kelma waħda, iddeskrivi din is-silta. Tużax il-kelma *patrijottika*.

________________________________________(marka)

7. *Rewwixta* għandha tagħmel parti mit-taqsima *Ġrajja u Identità*? Agħti r-raġunijiet tiegħek.

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________ (4 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**b. Il-Komponiment Letterarju.**

Wieġeb mistoqsija ***waħda*** minn dawn it-tnejn. Ikteb madwar **200 kelma** fuq karta separ

(16-il marka

i. Fit-taqsima *Tifkiriet* naraw li t-tifkira dejjem se tibqa' hemm, maħżuna ġo fina, ġieli tkun sabiħa, imma bosta drabi taf tkun morra u qarsa. Ikkummenta billi tagħmel referenza għax-xogħlijiet ta' **żewġ** poeti minn dawn li ġejjin: Dun Karm, Karmenu Vassallo u Anton Buttigieg.

ii. Fil-ħajja niltaqgħu ma' bosta karattri, uħud simpatiċi, oħrajn m'humiex. Ikkummenta billi tagħmel referenza għal xi xogħlijiet ta' proża mit-taqsima *Karattri.*

## F. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed**, u ikteb madwar **350 kelma** fuq karta separata.

1. Tazza nbid
2. Il-bieb tal-kantina tad-dar tan-nanna
3. Arloġġ
4. Twerżiq bil-lejl
5. Muftieħ ħajti
6. Ir-raġel f'dinja tan-nisa. Għad jiġi żmien fejn ir-raġel ma jibqax ta' ħtieġa?
7. Ġo kamra mudlama
8. Id-dinja tal-ġejjieni ... immexxija minn magni intelliġenti u *robots.*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers